MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1158/2014

**Avukat Dottor Pio M. Valletta (Karta ta' Identità Numru: 503058(M)) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà M.C.M Maintenance Centre Munich GmbH ta' Postfach 24, 1345, D-85335 Munich Airport, Munich fil-Ġermanja**

**vs**

**Medilink International Air Ambulance Limited (C48759)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjetà attriċi fid-19 ta' Diċembru, 2014 fejn ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

"(1) *Illi is-soċjetà attriċi daħlet f'kuntratt ta' kiri għal terminu qasir ta' ajruplan mas-soċjetà konvenuta liema Kuntratt ta' Kiri Għal Terminu Qasir (Short Term Lease Agreement) ġie iffimat fid-19 ta' Marzu, 2014 u kien jirreferi għall-kiri ta' ajruplan Cessna Citation SII, SN 0028, 9H-MCM (9H-MED).*

*(2) Illi skont u a tenur tal-imsemmi Kuntratt ta' Kiri Għal Terminu Qasir is-soċjetà konvenuta bħala l-kerrej tal-imsemmi ajruplan kellha tħallas rata ta' kera mensili ta' tnax-il elf u ħames mitt dollaru Amerikan (US$ 12,500) lis-soċjetà attriċi f'każ li l-Ftehim ta' Xiri u Bejgħ tal-istess ajruplan iffirmat bejn l-istess soċjetà attriċi u l-istess soċjetà konvenuta jiġi terminat mis-sid tal-ajruplan (is-soċjetà M.C.M. Maintenance Centre Munich GmbH) jew mill-kerrej (is-soċjetà konvenuta) jew għal kull raġuni oħra.*

*(3) Illi l-Ftehim ta' Xiri u Bejgħ tal-ajruplan ġie terminat mill-kerrej ossija s-soċjetà konvenuta, kif ser jiġi ppruvat waqt il-kors tas-smigħ ta' din il-kawża u għalhekk is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi li titħallas l-import tal-kera li sar dovut mill-mument meta bdiet il-kirja ċjoè d-19 ta' Marzu, 2014 sal-mument meta l-ajruplan baqa' jintuża mis-soċjetà konvenuta jew baqa' taħt il-kontroll tagħha.*

*(4) Illi fit-18 ta' Lulju, 2014 is-soċjetà attriċi bagħtet fattura lis-soċjetà konvenuta li permezz tagħha talbet il-ħlas tal-kera dovuta mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi ammontanti għal sebgħa u erbgħin elf, tmin mija u ħamsa u sebgħin dollaru Amerikan (US$ 47,875).*

*(5) Illi is-soċjetà konvenuta naqset li tħallas l-import dovut minnha in linja ta' kera u għalhekk is-soċjetà attriċi ma baqgħalhiex triq oħra għajr dik illi tressaq dan ir-rikors sabiex titlob il-kanonizzazzjoni tal-import*

*dovut lilha flimkien mal-kundanna tas-soċjetà konvenuta għall-ħlas ta' dan l-import oltre l-kundanna għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali.*

*Għaldaqstant is-soċjetà attriċi talbet lil din il-Qorti għar-raġunijiet premessa li:*

1. *tikkundanna is-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, tmin mija u ħamsa u sebgħin dollaru Amerikan (US$ 47,875), ekwivalenti għal tmienja u tletin elf, disa' mija u ħamsa u disgħin Euro u sebgħa u tletin euro ċenteżmi (€38,995.37) skont ir-rata tal-kambju Dollaru Amerikan mal-Euro applikabbli fid-data tal-preżentata ta' dan ir-Rikors Maħluf jew għal dak l-ammont skont ir-rata tal-kambju Dollaru Amerikan mal-Euro fid-data tas-sentenza u dan kwantu għall-import tal-kera li sar dovut kif provvdut fl-imsemmi Kuntratt ta' Kiri Għal Terminu Qasir ta' Ajruplan, mill-mument meta bdiet il-kirja tal-ajruplan Cessna Citation SII, SN 0028, 9H-MCM (9H-MED) ċjoè d-19 ta' Marzu, 2014 sal-mument meta l-ajruplan baqa' jintuża mis-soċjetà konvenuta jew baqa' taħt il-kontroll tagħha; u*

2. *tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas l-imgħaxijiet legali għall-ħlas tardiv tal-imsemmija fattura u dan b'effett mid-data meta l-ħlas sar dovut skont ma jinsab indikat fl-imsemmija fattura.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat fil-11 ta' Diċembru, 2014 kontra s-soċjetà konvenuta.*

Is-segwenti provvediment huwa proprju rigward talba li saret mis-soċjetà konvenuta permezz tat-tielet eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa tagħha sabiex il-Qorti tordna s-soprasessjoni (sospensjoni) tal-proċediment fl-ismijiet premessi,

pendenti l-eżitu finali tal-kawża fl-ismijiet **Medilink International Air Ambulance Limited (C48759) vs. L-Ajruplan 9h-MCM Msn-0028** (Rikors Maħluf Nru. 769/2014 JPG).

Fil-kawża quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, is-soċjetà konvenuta fil-kawża odjerna qed tmexxi azzjoni għad-danni kontra l-imsemmi ajruplan abbażi tat-tieni eċċezzjoni tagħha f'din il-kawża, u ċjoè:

> *"… li l-ajruplan qatt ma ntuża mis-soċjetà konvenuta; kemm hu hekk, l-eċċipjenti ssostni li l-ajruplan qatt ma tpoġġa fil-kontroll u l-pussess tas-soċjetà konvenuta fil-mument li bdiet il-kirja, mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-ajruplan qatt ma kien "ready for delivery….".*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2015 fejn din il-Qorti laqgħet it-talba tal-avukat difensur tas-soċjetà attriċi li talab li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet dwar it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, li min-naħa tagħha ngħatat il-fakultà li tippreżenta nota responsiva.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw dwar it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' April, 2015 fejn il-kawża tħalliet għal provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawża s-soċjetà attriċi ssostni li skont il-Kuntratt ta' Kiri Għal Terminu Qasir li jġib id-data tad-19 ta' Marzu, 2014 u li ġie ffirmat fil-21 ta' Marzu, 2014, is-soċjetà konvenuta bħala l-kerrej tal-ajruplan Cessna Citation SII, SN 0028, 9H-MCM (9H-MED) kellha tħallas rata ta' kera mensili ta' tnax-il elf u ħames mitt dollaru Amerikan (US$ 12,500) lis-soċjetà attriċi f'każ li l-Ftehim ta' Xiri u Bejgħ tal-istess ajruplan bid-data tad-19 ta' Marzu, 2014 u li kien iffirmat bejn l-istess soċjetà attriċi u l-istess soċjetà konvenuta fl-21 ta' Marzu, 2014 jiġi terminat mis-sid tal-ajruplan (is-soċjetà attriċi) jew mill-kerrej (is-soċjetà konvenuta) jew għal kull raġuni oħra.

Is-soċjetà attriċi ssostni wkoll li l-imsemmi Ftehim ta' Xiri u Bejgħ tal-ajruplan ġie terminat mis-soċjetà konvenuta u għalhekk is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi li titħallas l-import tal-kera li sar dovut mill-mument meta bdiet il-kirja ċjoè d-19 ta' Marzu, 2014 sal-mument meta l-ajruplan baqa' jintuża mis-soċjetà konvenuta jew baqa' taħt il-kontroll tagħha.

Min-naħa tagħha is-soċjetà konvenuta tisħaq illi l-ebda kera mhuwa dovut minnha peress illi l-ajruplan inkwistjoni qatt ma tpoġġa fil-kontroll u l-pussess

tagħha fil-mument li bdiet il-kirja, u dan mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-ajruplan qatt ma ġie formalment delivered.

Is-soċjetà konvenuta tirrileva wkoll li sussegwentement irriżulta li l-ajruplan kellu diversi difetti tekniċi serji li ma jagħmluhx lest għat-titjir u għalhekk la seta' jiġi ppruvat u/jew użat minnha. Fil-fatt l-ajruplan dejjem baqa' fil-hangar tas-soċjetà M.C.M. Maintenance Centre Malta Limited li hija kumpannija sussidjarja tas-sidien tal-ajruplan.

Is-soċjetà konvenuta ġabet għall-attenzjoni ta' din il-Qorti illi quddiem din il-Qorti kif diversament ppresjeduta hemm proċeduri pendenti (Rikors Maħluf Nru. 769/2014 JPG) kontra l-ajruplan inkwistjoni fejn hija qed taġixxi kontra l-ajruplan għad-danni abbażi tal-pretensjonijiet tagħha relatati mal-kirja u l-bejgħ tal-ajruplan u illi f'dan il-kuntest ikun opportun illi din il-kawża tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.

Tqis illi fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 1981 fil-kawża **Joseph Degiorgio vs Avukat Louis Galea et noe,** il-Qorti tal-Appell iddeċidiet illi:

> *"Is-soprasessjoni hemm lok għaliha meta l-eżitu tal-kawża li tiġi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-eżitu ta' kawża oħra, u għalhekk ma jistax ikun hemm lok għas-soprasessjoni jekk ma teżistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalità ta' din id-dipendenza".*

Tqis illi Qorti għandha tilqa' talba għas-soprasessjoni meta jkun spedjenti li tagħmel hekk (ara Kollez. Vol. XXXIX.I.467; u Appell Ċivili – **Cassar vs Xuereb** – 12 ta' Marzu, 1973); spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawża

pendenti quddiem qorti oħra tkun tali li d-deċiżjoni tista’ tinfluwixxi l-mertu tal-azzjoni preżenti (ara – **Galea vs Galea** – Appell Inferjuri – 23 ta’ April, 1955).

Illi s-soprasessjoni hija indikata għal dawk il-każijiet meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta’ xi punt li minnu tiddependi neċessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawża li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni (ara – **Azzopardi vs Critien pro et noe** – Prim’Awla tal-Qorti Ċivili – 12 ta’ April 1962).

Tqis li s-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u għandu jiġi applikat biss jekk hu neċessarju fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. (Kollez. Vol. XLI.I.507).

Illi l-għoti tas-soprasessjoni huwa għalkollox fid-diskrezzjoni tal-qorti (Kollez. Vol XXXII.II.197). L-eserċizzju ta’ diskrezzjoni mill-ġudikant tiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari u speċjali ta’ kull każ (ara – Appell Ċivili – **Grech noe vs Buttigieg et noe** – 26 ta’ Marzu 1984).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru** deċiża (QK) fl-20 ta’ Lulju, 1994. “Is-soprassessjoni hija, minnha nnifisha miżura eċċezzjonalissima għaliex tiffrena l-andament normali ta’ kawża b’mod billi twaqqaf għalhekk dik l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex kull kawża tinqata’ fi żmien raġonevoli”.

Illi qorti m’għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun sejra tbati preġudizzju. (**Amber Properties Limited (C-28781) vs. Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited (C-43884) et** PA 25 ta’ Marzu 2013).

Tqis illi l-partijiet f'din il-kawża filwaqt li fil-Ftehim ta' Xiri u Bejgħ tal-ajruplan ma stipulawx klawżola speċifika li tirregola l-aċċettazzjoni u/jew ir-rifjut formali tal-ajruplan, daħlu fil-Kuntratt ta' Kiri għal Terminu Qasir sabiex jipprovdu speċifikament għal perijodu qasir ta' prova tal-ajruplan qabel ma jsir ix-xiri u t-trasferiment tiegħu.

Tqis li l-kirja tal-ajruplan għall-perijodu qasir mid-19 ta' Marzu, 2014 sal-1 ta' Ġunju, 2014 ġiet stipulata biex il-kumpannija konvenuta fil-perijodu ta' prova tal-ajruplan ikollha titolu legalment validu biex tkun tista' tagħmel dan bla xkiel.

Tqis li l-kirja tal-ajruplan għall-perijodu qasir kienet intrinsikament parti mill-istess negozju li sar bejn il-partijiet bl-iskop aħħari li jsir ix-xiri u l-bejgħ tal-ajruplan inkwistjoni.

Tqis illi l-eżitu tal-proċeduri quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta fejn intalab il-ħlas ta' danni abbażi ta' inadempjenzi kuntrattwali relatati mal-Ftehim ta' Xiri u Bejgħ tal-ajruplan, jista' jinfluwixxi fuq il-mertu ta' din il-kawża. Għalhekk huwa espedjenti u neċessarju fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja illi din il-kawża tistenna l-eżitu tal-kawża fl-ismijiet **Medilink International Air Ambulance Limited (C48759) vs. L-Ajruplan 9h-MCM Msn-0028** (Rikors Maħluf Nru. 769/2014 JPG).

Tqis li tabilħaqq s-sospensjoni ta' dawn il-proċeduri pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta inevitabbilment tista' ġġib miegħu ċertu dewmien, madankollu m'hemm xejn li jipprekludi li ssir talba minn xi waħda mill-partijiet ai termini tal-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12 biex

flok din il-kawża tistenna l-eżitu tal-kawża l-oħra, iż-żewġ kawżi jiġu mismugħin flimkien.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà konvenuta Medilink International Air Ambulance Limited (C48759) kif dedotta fit-tielet eċċezzjoni tar-Risposta Maħlufa tagħha, tordna s-soprasessjoni (sospensjoni) ta' din il-kawża, u konsegwentement tħalli l-kawża *sine die*, riappuntabbli skont il-proviżo għall-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ssir talba minn xi waħda mill-partijiet permezz ta' rikors sa żmien perentorju ta' ħmistax-il jum mid-data li fiha l-kawża fl-ismijiet Medilink International Air Ambulance Limited (C48759) vs. L-Ajruplan 9h-MCM Msn-0028 (Rikors Maħluf Nru. 769/2014 JPG) tkun għaddiet in ġudikat.**

**L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------